MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Appell Kriminali Numru. 423/2013

Appell Nru: 423/2013

Il-Pulizija

Vs

Carmelo Zammit

Illum, 16 ta' Mejju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Carmelo Zammit, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 20878M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fit-13 ta' Novembru, 2012 ghall-habta tas-19:10hrs u fil-granet ta' qabel, waqt li kien qieghed fl-inhawi ta' Birzebbugia, minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra l-ebda persuna m'ghandha tikkaccja jew tipprova tikkaccja, tiehu jew tipprova tiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm il darba dik il-persuna ma tkunx fil-puessess ta' licenzja valida skond ma tkun tapplika, mahruga mid-Direttur, u dik il-persuna tkun

tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenza u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Reg 12(1) tas-SL 504.71.

Akkuzat ukol talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur, b'kull mezz, meta ka kienx fil-pussess ta' licenzja ghall-insib fil-harifa, mahruga mid-direttur u dan bi ksur tar-regolament 4(1) tal-A.L. 303 tal-2012.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur billi uza jew kellu fil-pussess teighu waqt attivita ta' kacca jew insib xi gass' jew xi apparat elettriku jew elettroniku, specjalment l-uzu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' ghasafar u dan bi ksur tar-Reg 7 (1) (d), L.S. 504.71.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaccja kellu fil-pussess tieghu bird caller u dan bi ksur tar-Reg. 7(2), L.S. 504.71.

Il-Qorti hija mitluba illi barra li tghati l-piena taht ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fid-9 ta' Ottubru, 2013, fejn il-Qorti, wara illi rat ir-regolamenti 12(1), 7(1)(d), 7(2) tal-Legislazzjoni Sussijdarja L.S. 504.71, A.L. 79 tal-2006 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ukoll ir-Regolament 4(1) tal-Avviz Legali 303 tal-2012. Sabet lill-istess Carmelo Zammit, hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu multa ta' elf euro (€1000). Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenzaz lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti, thassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull akkuza u bla pregudizzju ghal dan, b'mod sussidjarju f'kaz ta' ezitu sfavorevoli, tikkonferma s-sentneza de quo fil-parti tas-sejbien tal-htija u tghaddi biex timponi piena aktar ragonevoli u inqas harxa skond ic-crikostanzi kolha tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

- Illi bid-dovut rispett l-Ewwel Qorti zbaljat meta ddecidiet li ssib hati lill-appellant Carmelo Zammit meta fil-konfront tal-ewwel akkuza, ma giexipprezentata l-ebda evidenza illi s-Sur Zammit kien effettivament qieghed jikkacja jew pprova jikkacja. Illi lanqas l-akkuzi sussegwenti ma gew sodisfacentement ippruvati minn naha tal-prosekuzzjoni sabiex l-Onorabbli Qorti taccerta ruha lil'hinn minn kull dubbju ragonevoli li fir-realta is-Sur Carmelo kien effettivament qieghed jikkaccja u li kien qieghed jghamel uzu u fil-pussess ta' apparati bil-hsieb li jintuzaw ghall-kacca u nsib.
- Illi dan isegwi illi gialadarba l-akkuzi inhargu quddiem Qorti Kriminali allura l-akkuzat ghadu prezunt innocenti sakemm ma jkunx sodisfacentement ippruvat illi r-reat verament sehh u cioe' illi Carmelo inqabad jikkaccja jew li b'xi mod seta kien partecipi fl-insib. Illi f'dan il-kaz partikolari ghalkemm l-ghalqa fejn is-Sur John Psaila inqabad mill-Pulizija jonsob tghajjat lil Carmelo Zammit, u ghalkemm l-apparati jinsabu fuq isem l-istess Carmelo, dana m'ghandux jigi prezunt illi allura tal-ahhar kien imdahhal ma John Psaila fil-hsieb u fil-partecipazzjonili jonsob. Filfatt tant kemm l-appellant ma kienx imdahhal fil-bicca illi meta gew il-Pulizija ma sabuhx hemm u kellu jinzerahom ma wiccu hekk kif irritorna lura biex jiltaqa mas-Sur John Psaila.
- Illi fil-fatt l-akkuzi tas-Sur John Psaila u l-akkuzi tas-Sur Carmelo Zammit instemghu flimkien fl-istess seduta ta' nhar id-9 ta' Ottubru, 2013 u filfatt is-Sur John Psaila ikkonferma mal-Qorti illi filfatt kien huwa biss li ghamel uzu mill-apparati relatati mal-kacca sabiex jonsob. Is-Sur John Psaila ammetta wkoll illi kien jinsab fil-propjeta tas-Sur Carmelo Zammit u li fil-hinijiet li s-Sur Carmelo illarga huwa gietu t-tentazzjoni tad-delizzju tieghu li jonsob. Illi sfortunatament ghalkemm is-Sur Zammit spjega wkoll quddiem il-Qorti illi huwa filfatt ma kellu x'jaqsam xejn mal-insib, il-verzjoni tas-Sur Zammit ma twemmnitx minkejja l-ammissjoni u l-ispjegazzjonit tas-Sur Psaila. Illi l-prosekuzzjoni filfatt ma insistietx li tghafas fil-konfront tas-Sur Zammit ghaliex kien dahal element ta' dubju li ma giex iccarat mil-Pulizija li ghamlet l-affidavit relattiv taz-zewg akkuzati.
- Illi ghalkemm l-ewwel Qorti tgawdi minn diskrezzjoni fid-decizjoni illi hija tghati meta tippresjedi biex taghti s-sentenza taghha, l-appellant jappella illi gialadarba l-verzjoni tas-sur Psaila giet emmnuta allura ma jsegwix kif il-verzjoni tas-Sur Zammit ma kelliex ukoll tigi emmnuta hekk kif l-akkuzi kontra s-Sur Zammit ma jinkwadrawx ruhhom fil-verzjoni tal-istess Psaila. Illi ghal din ir-raguni is-Sur Zammit ma kellux jinstab hati tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz hekk kif spjegati. Illi huwa diga kien ha t-tghalima tieghu fl-akkuzi mahruga fil-kofronti tieghu qabel u filfatt hadha bi kbira hafna hekk kif huwa minn dejjem ra kif joqghod attent li ma jergax jiccappas kriminalment fuq akkuzi simili. Ghalkemm is-Sur Zammit ghandu ghal qalbu

hafna d-delizzju tal-kacca huwa jistaqarr li m'ghandux jigi prezunt li huwa rega filfatt zbalja u jigi akkuzat u misjub hati fuq komplicita' u jew fl-azzjoni li jonsob hekk kif fl-ebda hin ma gie ppruvat dan kollu.

Ikkunsidrat,

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tlettax (13) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) ghal habta ta' 19:10 hours PC 798 Camilleri, PC 691 J. Mula u s-surgent 1033 Sandro Mangion kienu patrol fl-inhawi ta' Birzebbuga fejn semghu bird call tat-tip pluviera. Il-pulizija irnexxielhom jintraccaw l-origini ta' din il-bird call u hemmhekk sabu mansab illi kien qed jigi kustodit minn certu John Psaila fejn qalilhom illi l-mansab ma kienx tieghu izda tal-appellant Carmelo Zammit illi kien illarga ghal xi ftit. Fil-fatt hekk gara – wara ftit minuti l-appellant irritorna u sab lill-pulizija qieghdin jitkellmu ma' dan Psaila. Zammit ammetta mal-pulizija illi l-apparat, il-mansab, speakers, amplifier u MP3 illi kien qed jorigina l-ghajta tal-pluviera kienu tieghu u kien ta istruzzjonijiet lil Psaila sabiex jikkostodilu l-mansab sakemm jaghmel qadja u jerga' jirritorna. Ammetta ukoll illi ma kellux licenzja biex jonsob.

Quddiem din il-Qorti però l-appellant qal illi hu zewgt ihbieb tieghu kienu f'kamra fl-ghalqa u wasal fuq il-post wara li gew il-pulizija. Veru illi fil-kamra kien hemm apparat ghall-insib però dan harighom John Psaila u rama' l-mansab hu. Psaila tressaq il-Qorti u nstab hati. Di più Psaila kellu access ghall-kamra bhalma kellu l-appellant izda jammetti illi permess ghall-bird calls ma kellux.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti thoss illi x-xhieda tal-pulizija hija aktar verosimili. A tempo vergine, l-appellant ammetta maghhom illi l-mansab u l-apparat illi kien hemm illegali kienu kollha tieghu, kien qieghed jonsob u kien halla lil John Psaila jikkostodilu l-mansab sakemm jaghmel qadja u illarga minn fuq il-post. Meta gie lura sab 'il-pulizija hemmhekk u bdew l-investigazzjonijiet taghhom fejn waslu sabiex jixlu lill-appellant b'dawn ir-reati.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------